Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar

PA/01299/18

26 MAR 2020
ORIANA

**Emanuel Attard**

v.

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

ż

Rikors ta' **Emanual Attard**

Jesponi bir-rispett:

Illi permezz ta' applikazzjoni li ġġib in-numru PA/01299/18, l-applikant appellant kien ressaq talba *"To Sanction deposit of agricultural soil, beaten ground and gravel, and the construction of a boundary wall and agricultural stores. Proposed enhancements to existing structures, construction of rubble walls, two gates and the deposit of agricultural soil"*. Illi din it-talba ta' l-applikant ġiet milqugħa.

Illi madanakollu, l-Awtorita' qegħda tesiġi l-ħlas ta' multa fis-somma ta' €7,424.80 ai termini ta' l-Artikolu 5 tal-Avviż Legali 277 tal-2012, bl-imposizzjoni ta' liema multa l-esponenti jħossu aggravat u minn liema talba huwa qiegħed jinterponi dan l-appell.

Preliminarjament, l-appellant jagħmel referenza għas-segwenti dispożizzjonijiet tal-liġi b'applikazzjoni ta' liema, fil-fehma umli ta' l-appellant, dan it-Tribunal għandu jasal għar-risoluzzjoni korretta ta' din il-vertenza, u cioe :

i. l-Artikolu 2 tal-Avviż Legali 277 tal-2012 li jagħti s-segwenti tifsira lil kelma "DPF", u cioe : *"id-dritt għall-permess tal-iżvilupp skont ir-Regolamenti dwar Ħlasijiet tal-Ippjanar tal-Iżvilupp dovut fuq applikazzjoni għall-iżvilupp illegali li jkun twettaq, jew dovut biss fuq dik il-parti illegali f'każ ta' applikazzjoni li tkopri diversi żviluppi"*;

ii. l-Artikolu 5 tal-Avviż Legali 277 tal-2012 dwar l-imposizzjoni ta' multi fil-każ ta' żviluppi mwettqa mingħajr permess ta' żvilupp;

iii. l-Artikolu 3 tal-Avviż Legali 277 tal-2012 dwar l-Iskeda ta' Multi applikabbli

iv. l-Artikolu 93(1) tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta;

B'mod preliminari l-appellant jagħmel referenza wkoll għal permess ta' żvilupp bin-numru PA4727/00 li jolqot l-istess sit mertu tal-permess odjern, permezz ta' liema kien ngħata permess kif isegwi : *"Reinstatement of field with rubble and topping up with agricultural soil for cultivation purposes. Application includes sanctioning and raising of boundary wall by two courses"*. Illi f'dik l-okkazzjoni, l-appellant ukoll intalab iħallas multa, il-ħlas ta' liema multa huwa għamel.

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet preliminari, jibda' biex jingħad, kif ġia jirriżulta mill-inkartament tal-applikazzjoni odjerna, illi parti mill-iżvilupp fuq l-art indikata kien ġia seħħ qabel l-intavolar ta' l-applikazzjoni għal permess bin-numru PA4727/00, tant illi l-applikant kien fis-sena 2010 talab li dak l-iżvilulpp sa dak inhar imwettaq mingħajr permess għall-iżvilupp jiġi sanzjonat. Jingħad ukoll, tant kif ukoll għandu jirriżulta mill-istess inkartament, illi l-applikant wettaq żvilupp ulterjuri bis-saħħa tal-awtorizazzjoni mogħtija bis-saħħa tal-permess bin-numru PA4727/00, u dan fi żmien tal-validita tiegħu. Madanakollu għandu jirriżulta wkoll illi-esponent, bidwi parti-time, ma lestix ix-xogħolijiet kollha mertu tal-istess permess fiż-żmien tal-validita' tiegħu li kien b'riżultat ta' dan illi parti minn dawk ix-xogħolijiet, li okkorendo kienu debitament konsentiti bis-saħħa tal-permess PA4727/00 - anke jew esegwiti wara l-iskadenza tiegħu - l-applikant talab għal darb'oħra lijiġu sanzjonati permess ta' l-applikazzjoni bin-numru PA/01299/18, dan oltre xogħolijiet minimi - bħal vaska għall-ħażna ta' l-ilma - li għalihom l-appellant qatt ma talab permess.

Illi għandu jirriżulta għalhekk illi fiż-żmien qabel t-talba għall-ħruġ ta' permess magħmula permezz ta l-applikazzjoni tas-sena 2000, l-appellant kien ġia beda jwitti materjal (pounded earth) fuq is-sit sabiex jiġi livellat is-sit, xogħolijliet li ġew sanzjonati u l-appellant f'dawn il-każ ħallas il-multa dovuta skond il-liġi. Ix-xogħolijiet kif approvati komplew fil-validita' ta' dak il-permess. Dawn ix-xogħolijiet kienu jikkonsistu prinċiparjament fi tqiegħed ta' ħamrija tajba għall-finijiet ta' biedja, ossia '*topsoil*', liema xogħolijiet ma tlestewx fiż-żmien tal-validita' ta' dak il-permess. Dawn ix-xogħolijiet, għajr għall-iżvilupp minuri tal-ġiebja, huma għalhekk l-istess xogħolijiet li kienu ġew approvati u li dwarhom l-appellant ġia ġie mmultat.

Illi l-appellant iħossu aggravat bl-imposizzjoni tal-multa għaliex l-imposizzjoni ta' multa għat-tieni darba għall-istess reat tikser prinċipji legali stabbiliti u tilledi għalhekk id-drittijiet fundamentali tiegħu. Jekk skond il-prinċipju *ne bis in idem* ħadd ma għandu joqgħod għal proċeduri meta r-reati li allegatament ikun wettaq ikunu ġia ġew aġġudikati, *multo magis* huwa projbit li persuna, mingħajr proċess ġudizzjarju, tiġi mmultata darbtejn **għall-istess ksur** ta' liġi. Ma hemmx dubju illi l-multi msemmija fl-Avviż Legali 277 tal-2012 mhumiex ħlief pieni għall-reat taħt l-Att, ossia, u riferibilment għall-każ odjern, żvilupp mingħar permess. Filwaqt li l-esponenti jikkonċedi illi l-iżvilupp li għalih kien ingħata permess twettaq in parti wara l-iskadenza ta' dak il-permess, huma biss dawk ix-xogħolijiet li ma kienux mertu ta' l-istess permess li jistgħu jiġu assoġġetti għall-ħlas ta multa, u mhux ukoll dawk ix-xogħolijiet li dwarhom l-esponenti ġia ġie immultat għall-aġir tiegħu kontra l-liġi.

**Konkluzzjoni**

Għar-raġunijiet mogħtija, l-appellant umilment jitlob lil dan it-Tribunal jirriforma d-deċiżjoni tal-Awtorita' fl-applikazzjoni bin-numru PA/01299/18 in kwantu din imponiet il-ħlas tas-somma ta' multa fis-somma ta' €7,424.80 ai termini tal-Avviż Legali 277 tal-2012 u sussegwentment jgħaddi sabiex jistabbilixxi dik il-multa dovuta skond il-liġi għall dik il-parti ta' l-iżvilupp li jirriżuta li twettqet mingħajr permess u li dwarha l-appellant ma kienx ġia kostrett iħallas multa.

Avv. Marco A. Ciliberti
29/7 Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta
mac@cityconsult.biz

Perit Raymond Sammut
Raymond Sammut & Associates
raysammut27@gmail.com

Xhieda :

1. **Rappreżentanti ta' l-Awtorit' ta' l-Ippanar**, sabiex jixhed dwar il-kalkolu tal-multa u dwar il-permess bin-numru PA4727/00;

2. **L-Appellant** għal kjarifiki dwar xogħolijiet esegwiti;


Avv. Marco A. Ciliberti
29/7 Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta
mac@cityconsult.biz

Perit Raymond Sammut
Raymond Sammut & Associates
raysammut27@gmail.com